

**PROĊEDURA EWROPEA GĦAL TALBIET ŻĠĦAR
IL-FORMOLA A
FORMOLA TAT-TALBA**

(L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet ŻġĦar)

Numru tal-kawża (*):

Riċevuta mill-qorti/mit-tribunal fi (*):

(*): Għandha timtela mill-qorti/mit-tribuna

INFORMAZZJONI IMPORTANTI

AQRA L-LINJI GWIDA FIL-BIDU TA' KULL TAQSIMA - DAWN GĦANDHOM JĠĦINUK TIMLA DIN IL-FORMOLA

Assistenza fil-mili tal-formola

Tista' tibbenefika minn assistenza sabiex timla din il-formola. Biex issir taf kif tista' tikseb l-assistenza tista' tirreferi għall-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u ppubblikata fis-sit web tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, li huwa disponibbli fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika https://e-justice.europa.eu/content_small_claims-354-mt.do. Innota li din l-assistenza ma tinkludix għajnunha legali, li għaliha trid issir talba xierqa skont il-liġi nazzjonali; lanqas ma tinkludi valutazzjoni legali tal-kawża tiegħek.

Lingwa

Imla din il-formola bil-lingwa tal-qorti/tat-tribunal li lilha jew lilu qed tibgħat it-talba tiegħek. Innota li l-formola hija disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika https://e-justice.europa.eu/content_small_claims_forms-177-mt.do. Din tista' tgħinek sabiex timla l-formola fil-lingwa meħtieġa.

Dokumenti ta' sostenn

Innota li l-formola tat-talba jinħtieġ li tkun akkumpanjata, fejn ikun il-każ, minn kull dokument rilevanti ta' sostenn. Madankollu, dan ma jżommokx milli tippreżenta, fejn ikun il-każ, provi ulterjuri matul il-proċedura. Il-konvenut jiġi nnotifikat b'kopja tal-formola tat-talba u, fejn ikun il-każ, bid-dokumenti ta' sostenn. Il-konvenut ikollu l-opportunità li jippreżenta r-risposta tiegħu għal dan.

1. Qorti/tribunal

F'din it-taqsimha jinħtieġ li tidentifika l-qorti / t-tribunal li lilha jew lilu qed tagħmel it-talba tiegħek. Meta tiddeċiedi liema qorti / tribunal se tagħżel, għandek tikkunsidra r-raġunijiet għall-ġurisdizzjoni tal-qorti / tat-tribunal. Fit-Taqsima 4 hemm inkluża lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' raġunijiet possibbli ta' ġurisdizzjoni. Tista' tuża l-faċilità tat-tiftix dedikata li tinsab fuq il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja sabiex issib id-dettalji (l-indirizz, in-numru tat-telefown eċċ.) tal-qorti bil-ġurisdizzjoni: https://e-justice.europa.eu/content_small_claims-354-mt.do

1. F'liema qorti jew tribunal qed tagħmel it-talba tiegħek?

1.1. Isem:

1.2. Triq u numru/kaxxa postali:

1.3. Belt u kodiċi postali:

1.4 Pajjiż:

2. Attur

Din it-taqsimha għandha tidentifika lilek bħala l-attur u, jekk ikollok, lir-rappreżentant tiegħek. Innota li m'intix obligat li tkun rappreżentat minn avukat jew minn professjonista legali ieħor.

F'ċerti pajjiżi jista' ma jkunx biżżejjed li tindika biss kaxxa postali bħala l-indirizz, u għalhekk jinħtieġ li tinkludi l-isem tat-triq u n-numru b'kodiċi postali. In-nuqqas ta' dan jista' jwassal sabiex id-dokument ma jgħid notifika.

Jekk għandek numru ta' identifikazzjoni personali li ngħatalek mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, ikun utli li tipprovdih. Jekk ma għandekx dan in-numru, ikun utli li tagħti n-numru tal-passaport jew tad-dokument ta' identifikazzjoni tiegħek, jekk għandek dawn. Jekk qed tagħxi f'isem persuna ġuridika jew kwalunkwe entità li għandha kapaċità legali, ikun utli li tagħti numru ta' reġistrazzjoni rilevanti.

Taħt "Dettalji oħra" tista' timla iktar informazzjoni li tgħin fl-identifikazzjoni tiegħek, pereżempju, id-data tat-twelid tiegħek, ix-xogħol tiegħek jew il-pożizzjoni tiegħek fil-kumpanija.

Fil-każ ta' aktar minn attur wieħed, uża paġni addizzjonali.

2. Id-dettalji ta' l-attur

2.1. Kunjom, isem/L-isem tal-kumpanija jew l-organizzazzjoni:

2.2. Numru ta' identifikazzjoni personali jew numru tal-passaport / in-numru tar-reġistrazzjoni*:

2.3. Triq u numru/kaxxa postali:

2.4. Belt u kodiċi postali:

2.5. Pajjiż:

2.6. Telefown(*):

2.7 Posta elettronika (*):

2.8. Rappreżentant ta' l-attur, jekk ikun hemm, u dettalji ta' kuntatt(*):

2.9. Dettalji oħra(*):

3. Konvenut

F'din it-taqsimha għandek tidentifika l-konvenut u, jekk magħruf lilek, ir-rappreżentant tiegħu. Innota li l-konvenut mhuwiex obbligat li jkun rappreżentat minn avukat jew minn professjonist legali ieħor.

F'xi pajjiżi jista' ma jkunx biżżejjed li tagħti biss kaxxa postali bħala l-indirizz, u għalhekk jinħtieġ li tinkludi l-isem tat-triq u numru b'kodiċi postali. In-nuqqas ta' dan jista' jwassal sabiex id-dokument ma jiġix notifikat.

Jekk taf numru ta' identifikazzjoni personali li ngħata lil konvenut mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, ikun utli li tipprovdih. Alternattivament jew barra minn dan, ikun utli li tagħti numru tal-passaport jew tad-dokument ta' identifikazzjoni tal-konvenut, jekk għandek dawn. Jekk il-konvenut huwa persuna ġuridika jew kwalunkwe entità li għandha kapaċità legali, ikun utli li tagħti numru ta' reġistrazzjoni rilevanti għall-konvenut, jekk tkun tafu.

Taħt "Dettalji oħra" tista' timla iktar informazzjoni li tgħin fl-identifikazzjoni tal-persuna, pereżempju, id-data tat-twelid, ix-xogħol jew il-pożizzjoni fil-kumpanija. Fil-każ ta' aktar minn konvenut wieħed, uża paġni addizzjonali.

3. Id-dettalji tal-konvenut

- 3.1. Kunjom, isem/L-isem tal-kumpanija jew l-organizzazzjoni:
- 3.2. Numru ta' identifikazzjoni personali jew numru tal-passaport / in-numru tar-reġistrazzjoni*:
- 3.3. Triq u numru/kaxxa postali:
- 3.4. Belt u kodiċi postali:
- 3.5. Pajjiż:
- 3.6. Telefown(*):
- 3.7. Posta elettronika (*):
- 3.8. Rappreżentant tal-konvenut, jekk magħruf, u dettalji ta' kuntatt(*):
- 3.9. Dettalji oħra (*):

4. Ġurisdizzjoni

It-talba tiegħek trid tiġi ppreżentata lill-qorti/lit-tribunal li jkollha/jkollu l-ġurisdizzjoni li tittratta/jittratta/tittrattalha/jittrattalha. Il-qorti/tribunal trid/trid ikollha/jkollu ġurisdizzjoni skont ir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1) (1).(1)

Din it-taqsimha tinkludi lista mhux eżawrjenti tal-bażi għall-ġurisdizzjoni.

Tista' ssib informazzjoni dwar ir-regoli tal-ġurisdizzjoni fil-website ta' l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew hawnhekk:

https://e-justice.europa.eu/content_brussels_i_regulation_recast-350-mt.do

Tista' tikkonsulta wkoll http://ec.europa.eu/civiljustice/glossary/glossary_mt.htm għal spjegazzjoni ta' wħud mit-termini legali li jintużaw.

4. Fuq liema bażi taħseb li l-qorti/tribunal għandha/għandu ġurisdizzjoni?

- 4.1. Id-domiċilju tal-konvenut
- 4.2. Id-domiċilju tal-konsumatur
- 4.3. Id-domiċilju tad-detentur tal-polza, ta' l-assigurat jew tal-benefiċjarju fi kwistjonijiet ta' assigurazzjoni
- 4.4. Il-post tal-weżża tal-obbligu inkwistjoni
- 4.5. Il-post tal-każ dannuż
- 4.6. Il-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli
- 4.7. L-għażla tal-qorti jew tribunal kif miftiehma mill-partijiet

4.8. Oħrajn (speċifika)

5. Natura transkonfinali tal-kawża

Sabiex tagħmel użu mill-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħir, huwa meħtieġ li l-kawża tiegħek tkun ta' natura transkonfinali. Kawża tkun ta' natura transkonfinali jekk mill-inqas waħda mill-partijiet tkun domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru divers mill-Istat Membru tal-qorti/tat-tribunal.

5. Natura transkonfinali tal-kawża

5.1. Pajjiż ta' domiċilju jew residenza abitwali tal-attur:

5.2. Pajjiż ta' domiċilju jew residenza abitwali tal-konvenut:

5.3. L-Istat Membru tal-qorti jew tribunal:

6. Dettalji tal-bank (Mhux obligatorji)

Fit-Taqsima 6.1. tista' tinforma lill-qorti / lit-tribunal dwar il-mezz li bih inti se tħallas it-tariffa tar-rikors. Innota li mhux il-metodi kollha jkunu neċessarjament disponibbli fil-qorti / fit-tribunal li lilha jew lilu qed tibgħat l-applikazzjoni tiegħek. Jinħtieġ li tivverifika liema metodi ta' ħlas jiġu aċċettati mill-qorti / mit-tribunal. Dan tista' tagħmlu billi tivverifika l-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat u li hija ppubblikata fuq is-sit web tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali, li jinsab fuq il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja https://e-justice.europa.eu/content_small_claims-354-en.do jew billi tikkuntattja lill-qorti / lit-tribunal ikkonċernata/ikkonċernat. Bl-istess mod tista' tiskopri iktar tagħrif dwar l-ammont tat-tariffa tal-qorti li int se jkollok tħallas.

Jekk tagħżel li tħallas permezz ta' karta ta' kreditu jew li tippermetti lill-qorti / lit-tribunal tiġbor/jiġbor it-tariffi mill-kont bankarju tiegħek, jinħtieġ li tagħti d-dettalji neċessarji tal-karta ta' kreditu jew kont bankarju fl-Appendiċi ma' din il-formola. L-Appendiċi sservi biss għall-informazzjoni tal-qorti / tat-tribunal u ma tintbagħatx lill-konvenut.

Fit-Taqsima 6.2 għandek il-possibbiltà li tindika b'liema mezz tixtieq tirċievi l-ħlas mill-konvenut, pereżempju jekk il-konvenut jixtieq iħallas immedjatament anki qabel ma tingħata s-sentenza. Jekk tixtieq li tħallas permezz ta' trasferiment bankarju, agħti d-dettalji meħtieġa tal-bank.

6. Dettalji tal-bank (*)

6.1. Kif se tħallas it-tariffa tat-talba?

6.1.1. Permezz ta' trasferiment bankarju

6.1.2. Permezz tal-karta tal-kreditu

6.1.3. Permezz ta' debitu dirett mill-kont bankarju tiegħek

6.1.4. Oħrajn (speċifika)

6.2. F'liema kont tixtieq li l-konvenut iħallas kwalunkwe ammont mitlub jew aġġudikat?

6.2.1. Detentur tal-kont:

6.2.2. Isem il-bank, BIC jew kodiċi bankarju rilevanti ieħor:

6.2.3. Numru tal-kont/IBAN:

7. Talba

Kamp ta' applikazzjoni: Innota li l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha kamp ta' applikazzjoni limitat. L-ebda talba ta' valur li jkun aktar minn 5000 EUR jew li tinsab fil-lista fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar ma tista' tiġi ttrattata taħt din il-proċedura. Fejn it-talba tiegħek ma tikkonċernax azzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament skond l-Artikolu 2, il-proċedimenti jkomplu quddiem il-qrati jew tribunali kompetenti skond ir-regoli tal-proċedura ċivili ordinarja. Jekk f'dak il-każ ma tixtieqx tkompli bil-proċedimenti, għandek tirtira l-applikazzjoni tiegħek.

Talba monetarja jew talba oħra: Jinħtieġ li tindika jekk it-talba tiegħek hijjex talba monetarja u / jew ta' natura oħra (talba mhux monetarja), pereżempju, konsenja ta' oġġetti, u mbagħad timla rispettivament jew 7.1. u / jew 7.2. F'każ li t-talba tiegħek mhux monetarja, imla t-Taqsima 7.2 u indika l-valur stmat tat-talba tiegħek. F'każ ta' talba mhux monetarja, jinħtieġ li tindika jekk għandekx talba sekondarja għal kumpens fil-każ li ma jkunx possibbli li tintlaqa' t-talba oriġinali.

Jekk trid tagħmel talba għall-ispejjeż tal-proċedimenti (pereż. spejjeż ta' traduzzjoni, drittijiet ta' avukati, spejjeż relatati man-notifika ta' dokumenti eċċ), jinħtieġ li tindika dan taħt 7.3. Innota li r-regoli dwar l-ispejjeż li l-qrati / t-tribunali jistgħu jaġġudikaw ivarjaw bejn Stati Membri differenti. Dettalji dwar il-kategoriji ta' spejjeż fi Stati Membri differenti jistgħu jinsabu fuq il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja https://e-justice.europa.eu/content_costs_of_proceedings-37-mt.do.

Jekk tixtieqx tagħmel talba għal xi interessi kuntrattwali, per eżempju fuq self, għandek tindika r-rata u minn liema data jiddekorru. Il-qorti jew it-tribunal jistgħu jaġġudikaw interessi statutorji fuq it-talba tiegħek, jekk din tintlaqa'. Indika jekk tixtieqx tagħmel talba għall-interessi u jekk ikun il-każ, indika minn liema data l-interessi għandhom jiddekorru.

Jekk meħtieġ, uża paġni addizzjonali biex tiddekrivi t-talba tiegħek, pereżempju jekk titlob diversi ħlasijiet u l-imgħaxijiet mitluba jkollhom data differenti f'kull wieħed mill-pagamenti.

7. Dwar it-talba tiegħek

7.1 Talba għal flus

7.1.1. L-ammont tal-kapital (esklużi interessi u spejjeż):

7.1.2 Munita

ewro (EUR)	Forint Ungeriż (HUF)	Krona Svediża (SEK)
Lev Bulgaru (BGN)	Lira Sterlina (GBP)	Oħrajn (speċifika):
Kuna Kroata (HRK)	Zloty Pollakka (PLN)	
Koruna Ċeka (CZK)	Leu Rumun (RON)	

Jekk jogħġbok speċifika

7.2 Talba oħra

7.2.1 Speċifika x'qed titlob:

7.2.2 L-ammont stmat tat-talba

Munita

ewro (EUR)	Forint Ungeriż (HUF)	Krona Svediża (SEK)
Lev Bulgaru (BGN)	Lira Sterlina (GBP)	Oħrajn (speċifika):
Kuna Kroata (HRK)	Zloty Pollakka (PLN)	
Koruna Ċeka (CZK)	Leu Rumun (RON)	

Jekk jogħġbok speċifika

7.3. Qiegħed titlob l-ispejjeż tal-kawża?

7.3.1. Iva

7.3.2. Le

7.3.3. Jekk iva, ispeċifika liema spejjeż u indika l-ammont mitlub jew dak li tħallas s'issa:

7.4. Qed titlob imgħax?

Iva

Le

Jekk iva, l-interessi huma

Kuntrattwalijekk iva mur it-taqsima 7.4.1.

Statutorjijekk iva mur it-taqsima 7.4.2.

7.4.1. Jekk kuntrattwali

(1) ir-rata hija:

%

% ogħla mir-rata bażi tal-Bank
Ċentrali Ewropew

oħra

(2) l-interessi għandhom jinġabru minn liema data (data)

sa (data)

sad-data tas-sentenza

sad-data tal-ħlas tal-kapital

7.4.2. Jekk statutorji, l-interessi għandhom jinġabru minn liema data: (Data)

sa (data)

sad-data tas-sentenza

sad-data tal-ħlas tal-kapital

7.5. Qed titlob imgħax fuq l-ispejjeż?

Iva

Le

Jekk iva, l-imgħax jinħtieġ li jinġabar minn:

(data)

(avveniment)

sabiex

(data)

sad-data tal-ħlas tal-ispejjeż

8. Dettalji tat-talba

Fit-taqsimha 8.1. għandek tiddekrivi fil-qosor is-sustanza tat-talba tiegħek.

Fit-taqsimha 8.2 għandek tiddekrivi l-provi rilevanti ta' sostenn. Dawn jistgħu, per eżempju, ikunu provi dokumentati (eż. kuntratt, riċevuta eċċ.) jew xiehda orali jew bil-miktub magħmula minn xhieda. Għal kull prova, indika liema aspekk tat-talba tiegħek hija maħsuba ssostni.

Jekk l-isparju ma jkunx suffiċjenti, tista' żżid paġni oħrajn.

8. Dettalji tat-talba

8.1. Aġti raġunijiet għat-talba tiegħek, per eżempju x'għara, fejn u meta.

8.2. Iddekrivi l-provi li tixtieq tippreżenta biex tissostni t-talba tiegħek u ddikjara liema punti tat-talba tiegħek qed jissostnaw. Jekk ikun il-każ, għandek iżżid dokumenti rilevanti ta' sostenn.

8.2.1. Provi bil-miktub

ispeċifika hawn taħt

8.2.2. Xhieda

speċifika hawn taħt

8.2.3. Oħrajn

speċifika hawn taħt

9. Smiġ

ta' smiġ: Innota li l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija proċedura bil-miktub. Madankollu, il-qorti tista' tiddeċiedi li jkun hemm seduta ta' smiġ jekk tqis li mhux possibbli li tagħti sentenza abbażi ta' prova bil-miktub. Tista' titlob, f'din il-formola jew fi stadju aktar tard, li ssir seduta ta' smiġ. Il-qorti tista' tiċħad it-talba tiegħek jekk tikkunsidra li, fir-rigward ta' ċirkostanzi tal-każ, seduta ta' smiġ ma tkunx meħtieġa għat-tmexxija ġusta tal-proċedimenti. Is-seduta ta' smiġ jinħtieġ li ssir permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod adattati, bħal vidjokonferenza jew telekonferenza, sakemm dawn ikunu disponibbli għall-qorti. Jekk il-persuna li għandha tinstema' tkun domiċiljata fi Stat Membru ieħor minn dak tal-qorti invokata, tiġi mfassla seduta permezz ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod permezz tal-użu tal-proċeduri previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 ⁽²⁾ (https://e-justice.europa.eu/content_taking_of_evidence-76-en.do) Madankollu, il-qorti tista' tiddeċiedi li l-persuni msejja għas-seduta jridu jkunu fiżikament preżenti. Tista' tindika l-preferenzi tiegħek quddiem il-qorti u żżomm f'moħħok li jekk jintalab li tkun fiżikament preżenti fil-kawża, l-irkupru ta' kwalunkwe spejjeż imġarrba biex tidher quddiem il-qorti jkunu suġġetti għar-regoli tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 li jstabbilixxi l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Dan l-Artikolu jistipula li l-qorti ma għandhiex taġġudika l-ispejjeż lill-parti rebbieħa spejjeż li jkunu saru bla bżonn jew li jkunu sproprorzjonati għat-talba.

9.1 Trid li jsir smiġ?

Iva

Le

Jekk iva indika r-raġunijiet(*):

9.2 Jekk il-Qorti tiddeċiedi li tagħmel smiġ, inti trid li tkun preżenti fiżikament?

Iva

Le

Indika r-raġunijiet(*):

10. In-notifika ta' dokumenti u komunikazzjonijiet mal-qorti

Dokumenti proċedurali, b'ħall-applikazzjoni tiegħek, it-tweġiba tal-konvenut, kwalunkwe kontrotalba u s-sentenza tista' tiġi nnotifikata lill-partijiet bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, jekk dawn il-mezzi huma teknikament disponibbli u aċċettabbli għall-qorti skont il-liġi proċedurali tal-Istat Membru li fih tkun qed titmexxa l-proċedura. Jekk id-dokumenti għandhom jiġu nnotifikati fi Stat Membru ieħor minbarra dak li fih tkun qed titmexxa l-proċedura, ir-regoli proċedurali tal-Istat Membru fejn in-notifika iseħħ għandhom jiġu osservati wkoll. Il-mezzi elettroniċi jistgħu jintużaw ukoll għal komunikazzjonijiet oħra bil-miktub (pereżempju talba biex tattendi seduta tal-qorti). Mezzi elettroniċi jistgħu jintużaw biss jekk id-destinatarju jagħti l-kunsens espliċitu minn qabel biex jintużaw, jew jekk huwa stess jkun legalment obligat mill-qorti li jaċċetta n-notifika elettronika u / jew komunikazzjoni oħra bil-miktub, f'konformità mar-regoli proċedurali tal-Istat Membru li fih id-destinatarju jkun domiċiljat. Biex tara jekk humiex disponibbli u aċċettabbli l-mezzi elettroniċi għan-notifika u / jew għall-komunikazzjoni fl-Istati Membri rilevanti, ivverifika l-informazzjoni fil-portal Ewropew tal-e-Ġustizzja

https://e-justice.europa.eu/content_small_claims-354-en.do?clang=en

10.1. Taqbel dwar l-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni għal notifika ta' risposta mill-konvenut, għal kull kontrotalba u għas-sentenza?

Iva

Le

10.2 Taqbel dwar l-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni biex tirċievi komunikazzjonijiet bil-miktub, apparti d-dokumenti msemmija fil-punt 10.1?

Iva

Le

11. Ċertifikat

Sentenza li tingħata fi Stat Membru fi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tiġi rikonossuta u eżegwita fi Stat Membru ieħor. Jekk bi ħsiebek titlob ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-qorti jew tat-tribunal, tista titlob f'din il-formola li l-qorti jew it-tribunal, wara li jkunu taw sentenza favur tiegħek, joħroġu ċertifikat dwar dik is-sentenza.

11.1 Ċertifikat

Nitlob lill-qorti jew lit-tribunal toħroġ/joħroġ ċertifikat dwar is-sentenza

Iva

Le

B'talba tiegħek il-qorti tista' tipprovdi ċertifikat f'lingwa oħra, billi tagħmel użu mill-formoli dinamiċi disponibbli permezz tal-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja. Dan jista' jkun ta' għajjnuna għall-eżekuzzjoni ta' sentenza fi Stat Membru ieħor. Innota li l-qorti mhix obligata tipprovdi xi traduzzjoni jew traslitterazzjoni ta' test imdaħħal fil-kaxxi għat-test liberu taċ-ċertifikat.

11.2 Nitlob lill-qorti/lit-tribunal biex toħroġ/joħroġ ċertifikat b'lingwa oħra li ma tkunx il-lingwa tal-proċeduri tal-qorti, b'mod partikolari:

BG	ES	CS	DE	ET	EL	EN	FR	HR
IT	LV	LT	HU	MT	NL	PL	PT	RO
SK	SL	FI	SV					

12. Data u firma

Kun żgur li tikteb ismek b'mod ċar, li tiffirma u tniżżel id-data fl-aħħar paġna ta' l-applikazzjoni tiegħek.

12. Data u firma

B'dan qed nitlob li l-qorti/it-tribunal tagħti/jagħti sentenza kontra l-konvenut abbażi tat-talba tiegħi.

Niddikjara li, safejn naf jien, l-informazzjoni provduta hija vera u mogħtija in bona fede.

Magħmul fi:

Id-data

Isem u firma:

Appendiċi għall-formola tat-talba (Formola A)

Detalji bankarji (*) għall-finijiet tal-ħlas tat-tariffi tat-talba

Detentur tal-kont/Detentur tal-karta ta' kreditu:

L-isem tal-bank, BIC jew kodiċi bankarju rilevanti ieħor/Kumpannija tal-karta ta' kreditu:

In-numru tal-kont jew l-IBAN/In-numru tal-karta ta' kreditu, id-data ta' l-iskadenza u numru ta' sigurtà tal-karta ta' kreditu:

(*) Mhux obligatorju.

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat -12 ta' Diċembru 2012 dwar ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p.1)

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kompilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p.1)